MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1518/2001/1

**Edwin Zammit u Emanuel Farrugia**

**vs**

**Hilton International Malta Limited u General Workers Union**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi huma kienu beneficarji minn kuntratt tas-16 ta' Novembru 1995 maghmul bejn il-konvenuti kif ukoll ma' Spinola Development Limited liema kuntratt huwa ezibit bhala kopja (Dok A).

Illi l-konvenuti Hilton International Malta Limited ma ottemporawx ruhhom mal-kuntratt imsemmi stante illi meta wasal iz-zmien propizju ma ghamlux dak li obbligaw

ruhhom illi jaghmlu, cioe' illi jirrijintegraw lill-atturi fl-impjieg skond l-istess ftehim biex b'hekk irrekaw danni lill-atturi kif jigi spjegat waqt is-smiegh.

Illi l-konvenuti General Workers' Union ma ghamlux dak illi setghu jaghmlu biex jipprotegu l-interessi ta' l-atturi membri ta' l-istess union biex b'hekk irrekaw danni lill-atturi.

Ghalhekk l-aturi qed jitolbu li l-konvenuti jew min minnhom jigu ddikjarati li huma responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-atturi naxxenti mill-ksur tal-kuntratt de quo u li jigu likwidati d-danni hekk ikkawzati lill-atturi. L-atturi qed jitolbu ukoll li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati ihallsu l-istess danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ukoll imharrkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Hilton International Malta Limited fejn gie eccepit li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta Hilton International Malta Limited ottemperat ruhha mal-kuntratt datat 4 ta' Novembru 1995 li kopja tieghu giet ezebita mill-atturi u mmarkata Dok 'A' u ghaldaqtant ma rrekat l-ebda danni lill-istess atturi, kif ser jigi pruvat ampjament waqt il-morti tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament ikkonfermata bil-gurament u l-lista tac-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti General Workers Union fejn gie eccepit li t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jiogu rigetati bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess General Workers Union debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavits taz-zewg atturi Edwin Zammit u Emanuel Farrugia.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-attur Emanuel Farrugia tal-25 ta' Ottubru 2002 li biha huwa ceda l-atti ta' din ilkawza stante transazzjoni.

Semghat lix-xhud Joseph Grima prodott mill-attur rimanenti.

Semghat lix-xhieda l-ohra prodotti mill-attur.

Semghat lill-attur.

Rat il-prospett esibit mill-attur permezz ta' nota tal-16 ta' Dicembru 2003.

Semghat lix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' osservazjonijiet tal-attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Hilton International Malta Limited.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti General Workers Union.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabirex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

L-attur Edwin Zammit intavola l-presenti proceduri stante li jippretendi li s-socjeta' konvenuta Hilton International Malta Ltd naqset li tottempora ruħha mal-ftehim li kien jikkoncernah u bhala konsegwenza li gew lilu kkawzati danni. L-atur, fuq l-imsemmija premessi qed jagixxi ukoll kontra l-General Workers Union stante li l-attur jippretendi

li anke l-Union naqset milli tipproteġi l-interessi tiegħu bhala membru paganti taghha.

Jirriżulta li l-attur kien impjegat fil-lukanda Hilton fil-perjodu meta din kienet ingħalqet fl-1996 sabiex tigi rinnovata. Sussegwentament il-lukanda reġgħet infetħet fl-2000. Il-bażi ta' din il-kawża huwa ftehim (fol.5) bejn George Fenech għan-nom u in rappreżentanza ta' Spinola Development Company Limited, Alfons Walsch għan-nom u in rappreżentanza ta' Hilton International Malta Limited u Joseph Grima u Andrew Briffa għan-nom u in rappreżentanza tal-General Workers Union. Permezz ta' dan il-ftehim il-ħaddiema tal-imsemmija lukanda kienu ingħataw certi għażliet.

Skond klawsola numru 4 l-impjegati setghu jaghzlu li jissospendu l-impjieg tagħhom sakemm terġa tibda topera l-lukanda, jew, skond klawsola 5, li jirriżenjaw u jieħdu s-somma ekwivalenti għal darbtejn daqs il-paga ta' xahar mingħajr pero ma jkollhom id-dritt li jerġgħu jmorru lura għax-xogħol, jew, skond klawsola 6 jekk ma jagħżlux ebda waħda minn dawn l-għażliet, jiġu offerti impjieg alternattiv fuq bażi ta' secondment ma kumpaniji oħra ta' Spinola Development jew ma terzi persuni identifikati minn l-istess Spinola Development. Jirriżulta li l-attur ipprefera l-opzjoni taht klawsola 6 u ċioe li jkun seconded ma' kumpaniji oħra.

Bl-odjerni proceduri l-attur qed isostni li wara illi l-lukanda Hilton reġgħet infetħet, huwa ma regghax inghata impjieg. L-attur in sostenn tal-imsemmija pretensjonijiet tieghu esebixxa varji dokumenti fosthom avviżi fil-gazzetti lokali (dok. L – fol.56), fejn il-Lukanda Hilton kienet qed tirreklama li għandha bżonn haddiema. Nonostante dawn l-avvizi l-attur isostni li ma reġax iddaħħal jahdem fil-lukanda. Kwindi il-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront ta' Hilton International Malta huma li dawn kissru l-imsemmi ftehim li permezz tiegħu l-attur kellu jerġa jiġi impjegat ma l-lukanda.

Kif diġa rilevat l-attur għażel li jkun "seconded" ma' kumpaniji oħra tal-istess grupp sakemm jerga jinghta

impieg ma l-lukanda meta terga tiftah. In effett dawk il-ħaddiema li ġew hekk seconded, ġew mistiedna jagħżlu bejn dawn l-għażliet - “Option 1: Those employees who agree to terminate their employment with Hilton to transfer their employment with the Tumas Group doing the same work they are presently doing under the conditions of employment of normal employees of Tumas Group will receive and ex gratia payment of two months salary. Option 2: Those employees who agree to resign altogether from Hilton without taking the job offer from Tumas Group will be given an ex-gratia payment of five month’s salary. This in no way is meant to take away any of the rights of employees who do not accept this offer nor will it effect the right of the employer to make efficient use of the personnel who opt to revert to Hilton, including secondment (to other Tumas operations including Portomaso) for employees whose grades will not be required at Hilton (Option 3).”

Jirrizulta li l-attur irrizenja mill-impieg tieghu b’effett minn Mejju 2001 u talab hames xhur paga. Kwindi l-attur għażel it-tieni msemmija opzjoni. Permezz ta’ ittra a fol 17, il-Hilton aċċettat din ir-riżenja u aċċettat li tħallas lill-attur is-somma ta’ Lm1650 (dok O – fol.66).
Il-lukanda Hilton isostni li pprovat issib post għal dawk l-impjegati li riedu jmorru lura biex ikomplu jahdmu. Fin-nota ta’sottomissjonijiet tagħha, il-Hilton issostni li fil-fatt sabet post għal kulħadd (p.113, para 9). Għall-ewwel, bdiet tipprova issib post ukoll ghall-attur. Nonostante dan pero’ skond il-likanda, fil-frattemp, l-attur laħaq irriżenja.(dok.K). Jirrizulta ukoll li wara li rrizenja, huwa beda jitlob li jirhallas il-hames xhur paga skond l-opzjoni li kien ghazel. (Fol.62).

Il-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-General Workers Union huma li l-Union konvenuta ttrattat il-każ tiegħu b’mod leġġer u li ma rrappresentatx l-interessi tiegħu b’mod professjonali u diliġenti. Inoltre l-attur isostni li l-Union naqqset milli tesiġi illi l-Hilton tottempora ruħha mal-ftehim.

Da parti tagħha il-General Workers Union teccepixxi li nnegozjat mal-lukanda fl-interess tal-ħaddiema kollha inkluż tal-attur innifsu. F'dan r-rigward jista jiighad li x-xhud Ray Bonnici, ufficjal tal-lukanda Hilton ikkonferma (seduta tal-10 ta' Marzu 2003) li huma kienu jitkellmu regolarment mal-GWU. Inoltre l-Union konvenuta ssostni li l-attur irriżenja mix-xogħol u f'dak l-istadju huwa waqaf jikkomunika mal-istess Union, li targumenta ukoll li bl-intervent taghha sabet soluzzjoni għall-ħaddiema l-oħra kollha. In vista ta' dan jidher li f'certu stadju l-attur waqaf imur għand il-Union sabiex ikomplu jitharsu l-interessi tiegħu. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-General Workers Union thoss li rrispettat l-obbligi kontrattwali tagħha skond il-ftehim kollettiv mas-soċjetà Hilton International Malta Limited.

Inoltre jidher li l-attur beda jinnegozja huwa stess ma l-lukanda cioe' ma l-management tas-soċjetà Hilton, tant li jidher li sar ftehim bejn l-attur u l-lukanda dwar hlas ta' ammonti ta' flus.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

L-attur qed jibbaza din l-azzjoni tieghu fuq il-klawsoli tal-imsemmi ftehim (fol.5). Inoltre jirrizulta li l-attur kien għażel li jieħu l-opzjoni taht l-imsemmija klawsola 6 tal-istess ftehim a bazi ta' liema l-attur kellu jiġi offert impjieg alternattiv fuq bażi ta' secondment ma xi kumpaniji oħra tal-istess group cioe' ta' Spinola Development jew ma terzi persuni identifikati mill-istess Spinola Development. Meta terga tinfetah il-lukanda huwa kellu jigi impjegat mill-gdid mal-lukanda.

Il-pretensjoni ewlenija fl-odjerna azzjoni hi li wara li l-lukanda Hilton reġgħet infetħet fis-sena 2000, huwa ma ngħatax impjieg magħha, minkejja li din bdiet tirreklama għan-nies sabiex jaħdmu magħha. Sussegwentement l-attur iddecieda li jirrizenja mill-impieg tieghu b'effett minn Mejju 2001 u talab il-hlas ekwivalent ghal hames (5) xhur paga. In effett Hilton accetta din il-rizenja (fol.17) u aċċettat li l-attur jitħallas is-somma ta' Lm1650 (dok O – fol.66). Ġara pero' li wara dan kollu l-attur biddel fehemtu

u ddeċieda li ma riedx jaccetta l-imsemmija somma. Fil-fatt fil-kors tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2003 l-attur xehed fol.89) – "Huwa minnu li jiena kont tlabt li tinghatali gratuity ta' hames xhur paga meta irrizenjajt mill-post tax-xoghol tieghi pero' sussegwentement ma mortx biex nithallas dan l-ammont peress li fil-frattemp kont hadt parir minghand il-konsulent legali tieghi u dana principalment sabiex tkun tista' ssir din il-kawza."

Dan ifisser li nonostante li l-imsemmi pagament kien ser isir wara talba tal-attur stess sussegwenti ghar-rizenja tieghu, l-istess attur irrifjuta li jaccetta l-istess pagament. Mnhabba f'hekk l-istess somma giet depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti.

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement li s-socjeta' konvenuta ma' ottempratx ruhha mal-Ftehim. L-attur irriżenja minn jeddu, talab pagament għar-riżenja tiegħu, iżda imbagħad biddel fehemtu u ma accettax l-istess pagament. In oltre jidher li dan kollu sehh fl-istess hin meta s-socjeta' konvenuta kienet qed tfittex impieg alternattiv u adegwat ghall-attur. Kien l-istess attur li waqqaf is-socjeta' konvenuta milli tkompli taghmel dan minhabba li huwa fil-frattemp irrizenja minn jeddu. Fl-istess hin li l-management tal-istess socjeta' konvenuta kien qed ifittex impieg iehor ghall-attur.

Lanqas ma jirrizulta b'mod sufficjenti li s-socjeta' konvenuta damet xi żmien esaġerat biex issib dan l-impieg. Inoltre l-ftehim in kwestjoni ma kienx jimponi terminu fuq is-socjeta' konvenuta sabiex din twettaq dak li kellha taghmel skond l-istess ftehim.

Fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-General Workers Union jingħad li jirriżulta pruvat li l-attur kien waqaf imur għand l-istess Union u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' Joe Grima Segretarju għat-Taqsima Ospitalita u Ikel (13 ta' Jannar 2003). Inoltre jirriżulta li l-attur beda jinnegozja wahdu ftehim mal-Hilton waħdu, u ghalhekk mingħajr l-assistenza tal-Union konvenuta.

Fid-dawl tal-premess l-eccezzjonijiet taz-zewg konvenuti jimmeritaw li jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet tal-attur ghandhom jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kif sollevati miz-zewg konvenuti s-socjeta' Hilton International Malta Limited u l-General Workers Union u konsegwentement u fit-tieni lok tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kollha kontra l-attur Edwin Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------